MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 656/2003/1

**Mary Grace Attard**

**v.**

**Mario Attard**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

> "… li l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Mejju 1986, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Maria, Roderick u Josianne; li l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'dina l-kawza mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet datat 28 ta' Mejju 2002; li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut konsistenti f' adulterju, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali u minhabba inkompatibilta ta' karattru ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; [2] tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri Maria, Roderick u Josianne lill-attrici; [3]tordna lill-konvenut ihallas retta alimentarja ghall-attrici u ghat-tlett ulied minuri; [4] tikundanna lill-konvenut sabiex ihallas tali retti alimentarja; [5] tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u tiddikjarha xolta okkorrendo bl-opra ta' perit nominand; [6] tordna lill-konvenut johrog mid-dar matrimonjali."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

> "li jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; li t-tort tat-tkisser taz-zwieg jirrisjedi esklussivament fuq l-attrici stante eccessi, sevizzi u ngurji gravi u adulterju da parti ta' l-istess attrici; illi l-bint minuri Mariah ghandha tistema' mill-Qorti stante l-fatt li hija ghandha aktar minn erbatax-il sena u ghandhom jigu kkunsiderati x-xewqat tat-tfal u l-ahjar interess taghhom; illi kemm il-garaxx li jinsab adjacent mad-dar matrimonjali u li fih jinzamm ix-xarabank li jahdem bih il-konvenut kif ukoll id-dar matrimonjali huma propjeta` parafernali ta' l-istess konvenut; illi fir-rigward ghall-manteniment ghall-attrici, hija f'sahhitha u kapaci tahdem sabiex tmantni lilha nnifsha; illi l-konvenut jopponi ghat-talbiet l-ohra stante l-fatt li z-zwieg tfarrak tort unikament ta' l-attrici."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fl-1 ta' Frar 2013 li permezz taghha il-Qorti ddecidiet illi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tat-tnejn;

"[2] tichad it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tat-tifla u l-access jigu regolati kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Kura u Kustodja'**

"[3] tichad it-tielet talba u tordna li l-attrici thallas manteniment ghall-minuri Josianne kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Manteniment'**, filwaqt li tichad it-talba ghall-kumplament;

"[4] tichad ir-raba' talba;

"[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti'**;

"[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba peress li l-konvenut diga vvaka mid-dar matrimonjali

"L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament, b' mod li zewg terzi [2/3] ikunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li terz [1/3] jibqa' a kariku tal-attrici."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi din il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment tort tal-agir aggressiv tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici,

u sekondarjament tort wkoll tal-attrici li kienet tabbuza mix-xorb alkoholiku, bir-rizultat li kienet titraskura lit-tfal. Dan il-komportament taz-zewg partijiet, ezercitat fuq bazi abittwali u ripetut, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-Artikolu 40 fuq citat.

"Jigi osservat in propozitu ghall-allegazzjoni tal-konvenut li martu kellha breakdown kbir, li jekk dan kien minnu, allura l-obbligu tieghu fil-ligi kien li jassisti lil martu u mhux li jerfa' idejh fuqha.

"Inoltre, z-zewg partijiet huma hatja ta' ngurja gravi, fit-termini tal-artikolu msemmi, fil-konfront ta' xulxin kif spjegat mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, meta dawna dahhlu fi hbiberiji specjali ma' terzi persuni tas-sess oppost. Dan il-komportament, anke tal-attrici, ghandhu fil-fehema tal-Qorti jattira fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap.16.

**"Kura u Kustodja**

"Illi fil-mori tal-kawza tnejn mit-tlett minuri lahqu l-eta' maggiorenni u ghalhekk dina l-Qorti ser tillimita li titratta biss fir-rigward tal-minuri Josianne[1].

"Illi fir-rapport taghha l-Avukat tat-Tfal[2] tghid li hija "*tara li m'hemmx relazzjoni tajba bejn it-tfal u ommhom. It-tfal ghaddew minn esperjenzi koroh minhabba f'ommhom u ma jixtiqux li jzommu kuntatt maghha... jixtiequ li jibqghu ma' misserihom ghalkemm jammettu li jkunu aktar komdi kieku jistghu jghixu fid-dar matrimonjali ma' missierhom*"[3]. Ghalhekk fil-konkluzzjonijiet taghha l-Avukat tat-Tfal tghid li l-minuri ghandhom jghixu ma' missierhom.

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghamel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **"Kura u Kustodja tal-Minuri"** fil-pagni 13 u 18 tar-relazzjoni, u taddottah fl-intier tieghu.

[1] Maria twieldet fid-19 t'Awwissu 1987, Roderick twieled fit-3 ta' Novembru 1991u Josianne twieldet fit-18 ta' Jannar 1996.
[2] Fols. 705 et seq. tal-process.
[3] Fol. 705 tal-process.

“Ghaldaqstant tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Josianne tigi fdata f’idejn il-konvenut, filwaqt li l-access tal-omm ikun wiehed konkordat bejnha u bejn it-tifla minuri.

**“Manteniment**

*“Partijiet*

“Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghamel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **“Manteniment ghall-konjugi.”** fil-pagni 18 u 19 tar-relazzjoni, taddottah fl-intier tieghu u li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A – Vol.III fols.841 u 843].

“Ghalhekk il-Qorti tordna li l-ebda manteniment m’ghandu jghaddi bejn il-partijiet stante l-fatt li huma t-tnejn ddekadew mid-dritt taghhom rispettiv li jircievu tali manteniment ghar-ragunijiet kif spjegati hawn aktar `il fuq.

*“Minuri*

“Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghamel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **“Manteniment ghall-minuri.”** fil-pagni 19 u 20 tar-relazzjoni, u taddottah fl-intier tieghu u li ghandhom jigu annessi mal-gudizzju odjern

“Illi ghalhekk l-attrici hija ordnat li thallas lill-konvenut s-somma ta’ mija u hamsin ewro [€150] fix-xahar bhala l-kontribut taghha ghall-manteniment tat-tifla minuri’. Dan il-manteniment ghandu jkompli jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif murija fl-indici tal-gvern - l-ispejjez edukattivi, u dawk ta’ sahha li huma ta’ natura straodrinarja, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**“Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

"Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula, u mal-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, u taddotta l-kontenut tal-pagni numri 21 sa 34 tar-relazzjoni peritali, li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B – Vol.III fols.844 sa 857]

"Izda tirrileva li s-somma ndikata fil-pagna 34 tar-rapport peritali[4] u li ghadha pendent bhala bilanc tas-self maghmul permezz ta' l-iskrittura ghandu jkun ta' Lm450, u mhux Lm350.

"Inoltre, il-Qorti tosserva li l-ammont komplessiv ta' flus rapprezentanti c-children's allowance li l-attrici rceviet minghand id-dipartiment tas-sigurta' socjali mis-17 ta' Marzu 2008 'il quddiem kellu jkun dovut lill-konvenut Mario Attard u mhux lill-attrici Mary Grace Attard, stante li minn dik id-data 'il quddiem il-minuri Josianne marret tghix mal-missier.[5]

"Konformament mal-imsemmi rapport, tordna li l-assi hemm indikati jigu mibjugha kif indikat fir-rapport B' mod partikolari tordna li d-dar matrimonjali, garaxx u l-art biswit id-dar matrimonjali ghandhom jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien sena, u fin-nuqqas jinbighu bis-subbasta. Ir-rikavat nett, wara li l-attrici tinghata l-kumpens ta' €19,983.69 rapprezentanti fondi parafernali zburzati minnha nieqes €6,837.40 rapprezentanti nofs id-differenza bejn l-ammont mizmum fil-kont intestati lill-konvenut u l-ammonti kollha li hija zbankat, jinqasam hekk: in kwantu ghal 41% jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet u in kwantu ghal 59% jithallas lill-konvenut.

"Konformament mal-konkluzjoni tal-perit legali, l-attrici qed tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut sa massimu ta' sena mid-data tas-sentenza.

"In fine jinghad li l-ammonti ta' flus percepiti mill-bejgh tax-xarabank ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet ugwalment kif rakkomandat mill-perit legali."

[4] Fol. 857 tal-process.
[5] Fol.889

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji taghha.

Rat ir-risposta tal-attur li permezz taghha filwaqt li oppona ghat-talbiet tal-appellata, intavola appell incidentali li permezz tieghu talab li tigi konfermata s-sentenza inkwantu laqghet it-talba ghal separazzjoni izda tirrevokaha inkwantu ddikjaratu principalment responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg; li jigi rifuz *allowances* tat-tfal u manteniment li hallas matul il-kors tal-kawza ghal perjodu li t-tfal kienu jghixu mieghu u li l-kumplament tas-sentenza tigi konfermata hlief ghall-ispejjez li huwa talab li dawn ikunu kollha a karigu tal-appellata.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti qed tressaq numru ta' lanjanzi u ghalhekk dawn se jigu diskussi wara xulxin.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

L-ewwel aggravju huwa li l-appellanti tghid li ma kellhiex tigi addossata bi htija ghat-tifrik taz-zwieg u allura bi spejjez tal-kawza ghaliex il-htija kienet kollha tal-appellat.

Din il-Qorti kemm-il darba esprimiet ruhha illi fi stadju ta’ appell mhux normali li jigi disturbat l-apprezzament ta’ fatti li dwarhom ikunu tressqu l-provi quddiem l-ewwel Qorti illi allura tkun iddecidiet dwar dawk il-fatti. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) qalet li ‘*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti.”* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta’ Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *“Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta’ revizjoni li fejn si tratta ta’ apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturbax leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor.”*

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u ma ssibx li ghandha taghmel dan ghaliex ma tirrizultalha ebda raguni gravi jew serja bizzejjed. Din il-Qorti taqbel li ghandha ssib lill-konvenut principalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ghall-istess raguni illi semmiet l-ewwel Qorti.

Kwindi kif inghad, f'dan ir-rigward il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, anzi izzid tghid li taqbel li z-zewg partijiet kienu jahtu t-tnejn ghat-tifrik taz-zwieg (sija pure kien l-appellat principalment responsabbli) u spiccaw jghixu *f'"sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune'* **(Caterina Agius v. Benedict Agius –** Prim'Awla 13 ta' Gunju 1967).

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

Dan l-aggravju jirrigwardja l-kura u kustodja tal-minuri u l-manteniment li l-Qorti tal-Familja ordnat lill-appellanti thallas ghal minuri Josianne.

Jirrizulta li l-partijiet kellhom tliet ulied izda kienet biss Josianne li kienet ghadha minuri meta giet deciza l-kawza fl-ewwel Istanza. Jirrizulta wkoll pero` li Josianne ghalqet it-tmintax-il sena fil-mori tal-appell ghaliex twieldet f'Jannar 1996. Dan ma giex senjalat lill-Qorti izda huwa evidenti mill-atti tal-kawza. Ghalhekk ma hemmx lok aktar ta' provvedimenti kwantu ghal kura u kustodja taghha.

Kwantu ghal manteniment ma jirrizultax jekk l-istess Josianne ghadiex tattendi xi istituzzjoni edukattiva u allura lanqas f'dan l-aspett il-Qorti ma tista' tordna hlas ta' manteniment; kwindi lanqas ma hemm lok ta' investigazzjoni da parti tal-Qorti jekk xi hadd mill-partijiet huwiex f'posizzjoni li jhallas dak il-manteniment.

Taht dan l-aggravju l-appellanti wkoll talbet li tigi revokata l-parti tas-sentenza fejn hija giet dikjarata li ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi l-mantenimient.

Naturalment hija tibbaza t-talba taghha ghaliex issostni li ma kellha ebda tort fit-tkissir taz-zwieg. Kif gia` inghad il-Qorti ma taqbilx ma' dan u taqbel ma' l-apprezzament tal-provi tal-Qorti tal-Familja. Madankollu skont l-Artikolu 51 u 52 tal-Kodici Civili l-Qorti tista' ma tapplikax id-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 (fosthom it-telf tad-dritt tal-manteniment).

Din il-Qorti jidrilha li dan huwa kaz fejn hija ghandha tezercita din id-diskrezzjoni ghaliex indubbjament ghalkemm l-appellanti kellha n-nuqqasijiet taghha kif stess irrimarkat l-ewwel Qorti, iz-zwieg tkisser principalment tort tal-agir aggressiv tal-appellat. Ghalhekk tenut kont ta' kolllox ma hux gust fil-fehma taghha li jigi dikjarat it-telf ta' dan id-dritt.

Madankollu kif intqal fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** deciza fil-25 ta’ Ottubru 2013. *“Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta* ***hemm il-bzonn*** *(L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-mantement ikun dovut skont* ***il-bzonn*** *ta’ min qed jitolbu).* L-appellanti hija impjegata (oltre li permezz tas-separazzjoni stess se jkollha bizzejjed assi a disposizzjoni taghha) u allura ma hemmx lok ta’ hlas ta’ manteniment ‘*rebus sic standibus*”.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

L-aktar aggravju kompless li jirrijkedi investigazzjoni profonda huwa appuntu t-tielet aggravju li jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

L-ewwelnett l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnat il-bejgh tal-proprjeta` kollha (konsistenti fid-dar matrimonjali u l-garaxx anness maghha u bicca art mhux zviluppata) meta l-istess Qorti setghet qasmet dawn il-proprjetajiet bejniethom u paciet l-ekwiparazzjoni necessarja mal-krediti illi hija stess ghandha fil-konfront tal-appellat u bhala ezempju ssemmi s-somma ta’ aktar minn wiehed u hamsin elf Euro (€51,000) li ghandha tiehu mill-bejgh tal-karozza tal-linja.

Il-Qorti wara illi ezaminat il-process sewwa waslet ghal konkluzjoni li ghandha taqbel mal-argument tal-appellanti ghaliex meta jkun possibbli li ssir qasma ta’

proprjeta` ma ghandux jigi ordnat il-bejgh taghha (**Artikolu 502 tal-Kodici Civili**). Minhabba li l-mod kif il-proprjeta` se tinqasam necessarjament se taghti lok ghal ekwiparazzjoni, il-Qorti se tassenja l-proprjeta` hija stess minflok tordna t-tlugh tax-xorti (**Artikolu 510 (2)).** Ghalhekk se tassenja d-dar matrimonjali lill-appellanti u l-kumplament lill-appellat; b'dan li se tnaqqas kif propost mill-istess appellant l-ammont li hija ghandha tiehu mill-bejgh tax-xarabank bis somma ta' sebgha u erbghin elf u tmien mitt Euro (€47,800) mis-somma ta' wiehed u hamsin elf u hames mitt Euro (€51,500) dovut minnha, u dan peress li sehemha mill-proprjeta` ghandu jkun ta' mija u tlett elef u sitt mija u hamsin Euro (€103,650) (20.5 %). Ghandu jinghad li dwar il-valuri tal-proprjeta` u l-ishma rispettivi ma sarx appell u jidher ukoll li hemm qbil bejn il-partijiet dwarhom.

L-appellanti mbaghad wara li qalet li taqbel mal-assenjazzjoni ta' vetturi, lanca, ghodda lill-appellat u li taghhom hija tircievi dsatax-il elf, disa' mija, tlieta u tmenin Euro u disgha u sittin centezmi (€19,983.69) u l-qabar talbet, fi kliemha stess li '*jigi likiwidat favur taghha nofs l-ammont li l-appellat qala' mill-impjieg tieghu matul is-snin kollha li kienet pendenti l-kawza"* u li skont hija stess jammontaw ghal aktar minn tlieta u disghin Euro (€93,000). Din il-Qorti assolutament ma taqbel xejn ma' din it-talba. Il-Qorti taqsam l-assi formanti parti l-komunjoni u mhux is-salarji. Fuq l-ammonti li qala' l-appellat matul il-kawza kien gie akkordat manteniment *'pendente lite'* u l-qliegh li persuna taghmel mix-xoghol iservi ghall-ghixien tal-familja. Ghalhekk ma jistax jigi

argumentat li ladarba l-paga jew salarju tidhol fil-komunjoni tal-akkwisti l-Qorti ghandha tikkomputa l-qligh kollu ta' salarji li jkun sar matul il-kawza u tassenja lill-parti l-ohra n-nofs l-iehor. Kwindi dan l-aggravju huwa michud.

Din il-Qorti pero` taqbel illi l-appellanti ghandha tiehu nofs l-ammont li l-appellat ircieva minghand l-Assoccjazzjoni tat-Trasport Pubbliku wara l-ftehim li sar bejn l-istess assocjazzjoni u l-Gvern ta' Malta u li minhabba f'hekk l-appellant ma baqax fl-impjieg tieghu bhala sid ta' karozza tal-linja. Mill-atti a fol. 902 sa 904 jirrizulta li huwa rcieva dsatax-il elf, mija u erbgha u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmi (€19,154.79) u allura l-appellanti ghandha dritt ghas-somma ta' disat elef, hames mija, sebgha u sebghin Euro u erbghin centezmi **(€9,577.40)**. L-ammonti ohra sussegwenti li ghalihom hemm riferenza fir-rikors tal-appell ghadhom ma sarux jew ma humix sostanzjati b'dokumenti u allura l-Qorti ma tistax tipprovdi dwarhom.

L-appellanti ilmentat mill-fatt illi l-ewwel Qorti ordnatilha tirrifondi s-somma ta' sitt elef, tmien mija, sebgha u tletin Euro u erbghin centezmi (€6,837.40) bhala sehem l-appellat mill-izbanki li ghamlet matul il-kors tal-kawza. Hija tghid fir-rikors tal-appell li dawn saru ghall-bzonnijiet tal-familja. Madankollu fuq dan l-aspett il-Qorti wara li ezaminat l-atti taqbel mal-konstatazzjoni tal-konvenut appellat li l-appellanti zbankat dawn il-flus biex ikollha f'idejha l-fondi biex tibda l-kawza odjerna. Infatti dawn daru fil-bidunett tal-proceduri u huma sinjali

klassici ta’ wahda mill-mizzewgin tizbanka l-flus li tista’ mill-kontijiet bankarji. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll michud.

L-appellanti imbaghad taghmel riferenza ghal numru ta’ cedoli ta’ depositi li saru wara li gie redatt ir-rapport tal-perit legali u li ghalih is-sentenza appellata taghmel ampja riferenza. Dawn igibu n-numru 1666/10 u 291/11 u 88/11 u 28/12. Madankollu l-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-appellat illi c-cedola numru 219/11 tirreferi ghal depositu li sar in segwitu` ghal mandat ta’ sekwestru mahrug mill-appellanti izda l-flus depozitati b’din ic-cedola huma dovuti lill-appellat mill-wirt ta’ ommu u allura mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ic-cedoli l-ohrajn pero` jirrigwardjaw flejjes dovuti lill-appellat dovuti lilu bhala parti mill-ftehim gia` msemmi bejn l-Assocjazzjoni tat-trasport Pubbliku u l-Gvern. Dawn jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u allura l-appellanti ghandha dritt ghal nofshom. L-appellat isostni fl-appell tieghu li l-appellanti ghandha kwart mill-ammonti dovuti fir-rigward u mhux nofs, izda kif se jidher aktar ’il quddiem id-dokumenti jghidu mod iehor. Mill-ammonti dovuti lilha pero`, l-appellanti ghandha tpaci s-somma ta’ sebgha u erbghin elf u tmien mitt Euro (€47,800) in vista tal-ekwiparazzjoni necessarja kif gia` ssemma. Ghalhekk mill-ammont kollu ta’ tnejn u hamsin elf, mija u sitta u erbghin Euro u sebgha erbghin centezmi (€52,146.47) li huwa nofs ic-cedoli msemmija (b’kollox mija u erbat elef, hames mija, tnejn u disghin Euro u erbgha u disghin centezmi [€104,592.94]) l-appellanti ghandha tiehu erbghat elef, tliet mija, sitta u erbghin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€4,346.47);

ghal fini ta’ pratticita` l-Qorti se tordna li dawn tehodhom mic-cedola 1666/10 u l-kumplament jizbankahom l-appellat.

Dwar is-somma ta’ ftit aktar minn dsatax il-elf, disa’ mija tlieta u tmenin Euro (€19,983) dovuta lill-attrici ghal krediti parafernali skont is-sentenza appellata ma hemmx kontestazzjoni.

**Appell Incidentali**

Kwantu ghall-appell incidentali, peress li l-**ewwel aggravju** hu l-istess bhall-ewwel aggravju tal-appellanti (l-appellat qed jitlob lill-Qorti tiddikjara lill-appellanti bhala l-unika hatja ghat-tifrik taz-zwieg), ma hemmx allura lok ta’ aktar kummenti minn din il-Qorti billi kif issemma, il-Qorti jidrilha illi mill-provi mressqa z-zewg partijiet ghandhom it-tnejn ikunu dikjarata responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg izda kien l-appellat ir-responsabbli principali.

L-istess jista’ jinghad ghat-**tieni aggravju** fis-sens li din il-kwistjoni giet diskussa meta l-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet gia` msemmija fir-rigward tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. L-appellat pero` f’dan l-appell tieghu jhossu wkoll aggravat minn dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li x-xarabank u l-licenzja relatata maghha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti; huwa allega li huwa xtara nofs id-dritt fuqha qabel iz-zwieg u imbaghad xtara n-nofs li kien

ta’ huh Emanuel Attard wara z-zwieg – allura jghid li l-appellanti ghandha kwart u mhux nofs ix-xarabank u aktar importanti mit-*truck* innifsu l-licenzja relatata.

Madankollu kif sewwa irrelatat il-perit legali u kif allura iddecidiet l-ewwel Qorti dak li jghid l-appellat ma hux konformi mad-dokumenti esebiti a fol. 387 tal-process li jindikaw li effettivament din il-vettura giet akkwistata wara z-zwieg bejn il-partijiet u allura kollha kemm hija tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif *del resto* huwa l-qliegh derivat mill-assenjazzjoni tal-licenzja lura lill-Gvern ta’ Malta u li dwaru l-Qorti ppronunzjat ruhha aktar qabel.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-ewwel istanza dan jirrifletti dak deciz rigward ir-responsabilita` u allura din il-Qorti taqbel ukoll li l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu spartiti kif gew minn dik il-Qorti. Naturalment fir-rigward l-ispejjez tal-appelli dawn issa ghandhom jirriflettu l-ezitu tal-istess appelli.

**<u>Skjaramenti</u>**

L-appellanti talab zewg *skjarimenti* dwar is-sentenza appellata li fil-fehma ta’ din il-Qorti jimmeritaw kumment u fil-fatt il-Qorti gia` kkumentat fuq wiehed minnhom aktar qabel. Fil-verita` huwa mhux skjerament biss qed jitlob ghaliex ghamel ukoll talba dwarhom fit-talbiet tal-appell incidentali.

L-ewwel talba tirrigwardja d-depositu li sar permezz tac-cedola 219/11 u l-Qorti kif gia` qalet, taqbel mal-appellat li mid-dokumenti esebiti (fol. 913) huwa car li dawn kienu flus li huwa wiret minghand ommu u allura huma parafernali tieghu.

It-tieni punt jirrigwardja l-manteniment u *children's allowance* percepiti mill-appellanti. Huwa jsostni li s-sentenza qalet li l-attrici kellha tirrifondi c-*children's allowance* li hija hadet minn Marzu 2008 'il quddiem peress li l-minuri ma baqghux jghixu maghha. Oltre dan qed jitlob li jigi rifuz manteniment li huwa hallas ghall-perjodu imsemmi.

Fir-rigward tal-*allowance* tat-tfal, il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellanti illi l-appellat ma harigx dawn il-flus u allura huwa biss id-dipartiment koncernat li jista' jitlob il-flus lura. Allura f'dan l-aspett it-talba tal-appellat ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt is-sentenza appellata ma ordnatx lill-appellanti tirrifondi dawn il-hlasijiet izda *"osservat li l-ammont kellu jkun dovut lill-konvenut u mhux lill-attrici".* Jispetta allura ghal min hareg il-flus biex jekk jista' u jrid li jitlob ir-rifuzjoni. Hemm ukoll raguni ohra ghall-konkluzjoni ta' din il-Qorti f'dan aspett; il-Qorti tal-Familja fis-sentenza taghha rreferiet ghal pagni 19 u 20 tar-rapport tal-perit legali f'dan l-aspett u dawn il-pagni **ma jsemmu xejn** dwar din it-talba ghal rifuzjoni.

Kwantu ghall-manteniment huwa minnu li l-ewwel Qorti ddecidiet illi tadotta fl-intier tieghu r-rapport peritali; dan kien jghid illi kellha ssir komputazzjoni ta' kemm thallas manteniment 'wara li (it-tfal) ma baqghux jghixu maghha.' L-appellat jghid li ladarba effettivament huwa ghamel din il-komputazzjoni (fol. 939), huwa ghandu jigi akkordat dan l-ammont minghand l-appellanti.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument principalment **ghaliex anke hawn**, fis-sentenza taghha il-Qorti ghamlet riferenza **biss** ghal pagni 19 u 20 tar-relazzjoni u mhux ghal parti illi ghaliha qed jirreferi l-appellat. Ghalhekk ladarba l-Qorti tal-Familja ghamlet semplici riferenza minghajr ma ziedet xejn, dan ifisser li filwaqt li hija kienet kuntenta b'dak kontenut fir-rapport xorta wahda ma hassitx li kellha tordna r-rifuzjoni – u din il-Qorti pero` izzid ukoll li fil-perjodu li thallas il-manteniment kien hemm digriet li jordna dan il-hlas u li l-ewwel Qorti cahdet diversi rikorsi tal-appellat biex dak il-manteniment jieqaf. Ma hemm ebda raguni allura biex din il-Qorti tordna rifuzjoni f'dan l-istadju.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-appellanta billi tilqghu biss billi thassar il-parti tas-sentenza appellata dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-appellanti l-fond "Shalom" Triq il-Qubbajd Haz-Zebbug u l-

qabar imsemmi fir-relazzjoni peritali filwaqt li l-appellat jigi assenjat il-garaxx sottostanti ghall-istess fond u l-art mhux zviluppata biswit l-istess dar, ix-xarabank u l-permess relattiv u dak kollu relatat mieghu; tliet lanec, l-ghodod kollha mixtrija matul iz-zwieg u l-karozzi Mercedes, Austin u Renault u bhala ekwiparazzjoni mic-cedoli ta' depositu l-appellanti jkollha dritt tisbanka biss is-somma ta' erbat elef, tliet mija sitta u erbghin Euro u sebgha u erbghin centezmi **(€4,346.47)** mic-cedola 1666/10 u l-bilanc taghha u l-kumplament tac-cedoli jigu zbankati kollha mill-appellat ghar-raguni gia` spjegata; thassar ukoll il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-appellanti iddekadiet mid-dritt ghal manteniment izda tichad it-talba ghall-istess '*rebus sic stantibus'*; thassar il-parti fejn l-appellanti giet ikkundannata thallas manteniment ghall-minuri ghar-ragunijiet gia` msemmija; tikkonferma li l-appellat huwa ordnat ihallas lill-appellanti s-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija, tlieta u tmenin Euro u disgha u sittin centezmi (€19,983.69) **nieqes** sitt elef, tmien mija, sebgha u tletin Euro u erbghin centezmi (€6,837.40) ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata u allura l-ammont isir tlettax-il elf, mija u sitta u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmi **(€13,146.29)**; tordna wkoll lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta' disat elef, hames mija, sebgha u sebghin Euro u erbghin centezmi **(€9,577.40)** sehemha mill-flus inkassati bic-cessjoni tal-licenzja; u tichad il-kumplament tal-appell u allura tikkonferma wkoll il-bqija tas-sentenza msemmija; tichad ukoll l-appell incidentali hlief li tiddikjara li s-somma depozitata permezz tac-cedola 219/11 hija proprjeta` parafernali tal-appellat u allura ghandu jizbankaha huwa stess; il-kontijiet bankarji jigu

assenjati lill-intestatarju rispettiv stante l-ammonti minimi hafna involuti; tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv tal-qasma u l-Avukat Dottor Abigail Chritien bhala kuratur ghal eventwali kontumaci – il-kuntratt ghandu jigi pubblikat f'data li tigi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-istess Nutar nominand fl-edificcju tal-Qorti; l-ispejjez tal-appell principali jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-appellat u terz mill-appellanti; dawk tal-appell incidentali a karigu tal-konvenut appellat; l-ispejjez tal-Prim Istanza kif gia` decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------